**Malta Shooting Sport Federation**
**(Imwaqqfa fl-1908)**

**STATUT U REGOLAMENTI**
**Aġġornat 29 t' Ottubru 2022**

## ARTIKOLU 1 – ISEM

(a) L-isem tal-organiżazzjoni huwa l-MALTA SHOOTING SPORT FEDERATION li minn hawn il-quddiem tissejjaħ "Il-Federazzjoni".

(b) Il-Federazjoni (oriġinarjament taħt l-isem ta' 'The Malta Shooting Club' ġiet imwaqqfa fl-ewwel Laqgħa Ġenerali Annwali li saret is-Sibt 11 ta' Lulju 1908, fis-sala tas-Soċjeta tal-Arti, Manifattura u Kummerċ, fi Strada Teatru, il-Belt Valletta.

## ARTIKOLU 2 – L-GĦANIJIET

L-għanijiet tal-Federazzjoni huma:

(a) biex tkun l-entita' Nazzjonali Maltija li tiggverna l-isport ta' sparar b'armi fuq plattini, targets u kull xorta ta' sport ieħor ta' sparar b'armi kif jipprovdu l-ISSF, l-ESC, il-CSF, il-CSFED u l-MLAIC, u biex tinkoraġġixxi u torganizza dawn is-setturi tal-isport. Barra minn hekk, il-Federazzjoni għandha taċċetta u tilqa' bħala membri, persuni li jkunu kolletturi ta' armi antiki u armi oħrajn, liema armi jridu jkunu koperti bil-permessi meħtieġa skond il-liġi. Il-Federazzjoni hi *'non profit making'* u s-surplus li jkun hemm għandu jigi investiti mill-gdid fl-istess Federazzjoni.

(b) kull membru tal-Federazzjoni irid, prinċipaljament, jaġixxi fuq bażi volontarja. Għalhekk il-membri tal-istess Federazzjoni ma jista' jkollhom l-ebda tip ta' introjtu, dħul jew ħlas għal xogħol volontarju li jwettqu.

(c) biex tinkoraġġixxi relazzjonijiet tajba bejn il-Federazzjoni u organizzazzjonijiet sussidjarji u/jew clubs u assoċjazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-isport tal-isparar;

(d) biex tikkonsulta u tikkollabora ma' assoċjazzjonijiet u/jew clubs tal-isports, kunsilli u/jew kumitati f'materja ta' interess internazzjonali, nazzjonali u

ġenerali u fejn ikun il-każ li tissieħeb magħhom u fejn ikun il-każ timxi mar-regolamenti tagħhom;

(e) minnħabba li l-Federazzjoni m'hijiex organizzazzjoni kummerċjali u kull qliegħ li jista' jsir kif ukoll l-assi huma propjeta' tal-Federazzjoni għandhom jiġu ġestiti skond l-istess neċessitajiet tal-Federazzjoni u l-membri tagħha.

## ARTIKOLU 3 – L-UFFIĊJU ĊENTRALI

L-Uffiċju ċentrali tal-Federazzjoni jinsab fi Triq is-Sagra Familja, Bidnija, limiti tal-Mosta, Malta. L-indirzz tal-Federazzjoni jiġi magħżul mill-Kunsill minn żmien għal żmien.

## ARTIKOLU 4 – SĦUBIJA

**4.1** Kull min jipprattika l-isport ta' sparar b'armi fuq plattini (trap, skeet u double trap) u fuq targets jew sport ta' sparar b'armi f'Malta, u kull min huwa ġenwinament interessat f'dan l-qasam sportiv jista' jkun membru tal-Federazzjoni. Membri tal-Federazzjoni biss jistgħu jipparteċipaw f'kompetizzjoni jew avvenimenti ta' sparar f'Malta li jkunu organizzati mill-Federazzjoni.

**4.2** Is-sħubija mal-Federazzjoni ta' nisa u rġiel li jridu jipprattikaw l-isport tal-isparar fuq il-plattini huwa kif ġej:

(a) is-sħubija hija miftuħa għal irġiel u nisa ta' kondotta tajba, min 14 il-sena iżda l-ebda membru ma jista' jieħu sehem f'attivitajiet ta' sparar jekk ma jkollux il-liċenzja jew il-liċenzji mitluba mill-awtoritajiet tal-Pulizija skond il-liġi;

(b) persuni li jixtiequ jidħlu membri tal-Federazzjoni jridu jiġu pproponuti u ssekondati fuq formola apposta minn membri sħaħ tal-Federazzjoni. L-isem tal-membru prospettiv flimkien mal-ismijiet ta' min ippropona u ssekonda l-kandidat għandhom jiġu esposti fin-*notice board* tal-Federazzjoni għal mhux inqas minn ħmistax il-ġurnata qabel l-elezzjoni;

(ċ) is-sħubija tal-membri ġodda fil-Federazzjoni tkun imwettqa b'elezzjoni mill-Kunsill;

(d) kandidati li jkunu eletti jridu jħallsu miżata ta' sħubija ta' ħamsa u tletin ewro (€35). Dan l-ammont jinkludi wkoll l-abbonament għas-sena tas-sħubija. L-abbonament annwali għandu jkun ta' ħamsa u tletin ewro (€35) li jiġi mġedded fl-ewwel ta' Jannar ta' kull sena jew Block Membership ta' wieħed u tmenin ewro u sebgħin ċenteżmu (€81.70);

(e) kandidat li jonqos milli jħallas il-miżata tas-sħubija fi żmien xahar mill-elezzjoni tiegħu, ikollu ismu mneħħi mil-lista tal-membri eletti, u jekk ikun jixtieq jerġa' jidħol membru tal-Federazzjoni jkollu bzonn jiġi pproponut u ssekondat mill-ġdid;

(f) F’kaz li xi kandidat jiġi mħolli barra fl-elezzjoni, ismu ma jistax jerġa’ jidher għall-elezzjoni qabel ma jgħaddu tnax il-xahar.

(ġ) il-Kunsill għandu l-poter li jista’ jerġa’ jdaħħal mill-ġdid membru li kien mitlub jirriżenja jew kien imkeċċi mill-Federazzjoni;

(h) il-Kunsill għandu l-jedd li minn żmien għal żmien jista’ jaħtar Membri Onorarji fil-Federazzjoni li qabel kienu membri tal-istess Federazzjoni għal mhux inqas minn ħames snin, u li darba dawn jiġu eletti jkollhom id-drittijiet u l-privileġġi li jinkludu wkoll id-dritt għall-vot fil-Laqgħat Ġenerali u jistgħu joħorġu għall-elezzjoni tal-Kunsill bħal membri l-oħra li jħallsu l-abbonamenti;

(i) il-Kunsill għandu wkoll il-jedd li jaħtar Membri Onorarji tal-Federazzjoni mingħajr ma dawn ikollhom id-dritt li jivvotaw fil-Laqgħat Ġenerali jew li joħorġu għall-elezzjoni tal-Kunsill.

## ARTIKOLU 5 – ABBONAMENTI

**5.1** L-abbonamenti għal membri individwali tal-Federazzjoni huma kif ġej:

(a) l-abbonamenti għandhom jiġu mħallsa lit-Teżorier tal-Federazzjoni b’sena bil-quddiem u l-abbonament għandu jkun ħamsa u tletin ewro (€35) fis-sena, jew block membership ta’ wieħed u tmenin ewro u sebgħin ċenteżmu (€81.70) fis-sena;

(b) membru li jonqos li jħallas fi żmien xahar minn meta jiġi mitlub jagħmel dan mit-Teżorier b’ittra rreġistrata, jiġi kkonsidrat li naqas, u ismu jiġi mneħħi mil-lista tal-membri;

(ċ) xi membru li ma jibqax fil-Federazzjoni, jew għax jirriżenja jew għal xi raġunijiet oħra, jista’ jitlob lura parti mill-miżata tas-sħubija jew l-abbonament;

(d) membri li jħallu Malta għal aktar minn sena għandhom javżaw bil-miktub lis-Segretarju, biex dan ikun jista’ jniżżel l-ismijiet mal-lista tal-membri assenti. Dawn il-membri jiġu eżentati milli jħallsu l-miżati, iżda dawn lanqas ma jkollhom id-dritt li jivvotaw matul dan il-perjodu;

(e) xi membru li jista’ jkollu l-ħsieb li jirreżenja mill-Federazzjoni għandu jinforma bil-miktub lis-Segretarju. Jekk jonqos li jagħmel dan, il-membru *in kwistjoni* jista’ jiġi obbligat iħallas dak li jkun dovut minnu;

(f) dawk il-membri li jkunu aġġornati fil-ħlas tal-abbonament biss għandhom id-dritt li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Federazzjoni u jistgħu jivvotaw fil-Laqgħa Ġenerali jew Laqgħat oħra Straordinarji. Minn barra hekk, jistgħu jivvutaw biss dawk il-membri minn 16il sena u li jkunu membri mħallsa għal mill-inqas sentejn. (Ara wkoll artiklu 18).

**5.2** Dak stipulat fil-paragrafi preċedenti (Artikolu 5, para (a) sa (f)) fejn applikabbli japplika bl-istess mod u taħt l-istess kundizzjonijiet għal abbonamenti dovuta mill-Clubs lill-Federazzjoni.

## ARTIKOLU 6 – IL-KUNSILL

**6.1** Għandu jkun hemm Kunsill iffurmat minn tal-inqas disa' (9) membri iżda mhux iktar minn tlettax (13) il-membru biex jieħdu ħsieb li x-xogħol tal-Federazzjoni jitmexxa b'effiċenzja. Dawn il-membri għandhom jiġu eletti kull sentejn kif jipprovdi dan l-istatut. Dawn jistgħu jiġu pproponuti u ssekondati minn membri individwali tal-Federazzjoni jew minn Clubs affiljati mal-Federazzjoni u għandhom jiġu pproponuti u ssekondati kif ġej:

(a) kull persuna pproponuta tista' tindika fuq l-istess nomina mhux aktar minn żewġ karigi fil-Kunsill (i.e. waħda minn President, Segretarju, Teżorier u P.R.O.) li għalihom jixtieq jiġi elett, kif wkoll bħala membru. Il-karigi ta' President u Segretarju jistgħu jiġu okkupati biss minn persuni ta' nazzjonalita' Maltija;

(b) l-persuni pproponuti u ssekondati minn membri individwali tal-Federazzjoni għandhom ikunu membri sħaħ tal-Federazzjoni fis-sentejn ta' qabel l-elezzjoni u f'dak il-mument iridu jkunu *in regola* fil-ħlas tal-miżata tal-Federazzjoni;

(ċ) l-persuni pproponuti u ssekondati minn clubs, jekk ma jkunux membri individwali tal-Federazzjoni, f'każ li jiġu eletti għall-Kunsill huma suġġett għall-ġurisdizzjoni u dixxiplina tal-Federazzjoni bħal li kieku kienu membri tal-Federazzjoni;

(d) jiġu eletti disa'(9) membri minn fost dawk pproponuti u ssekondati mill-membri individwali tal-Federazzjoni;

(e) jiġu eletti żewġ membri (2) minn fost dawk pproponuti u ssekondati mill-clubs li huma rreġistrati mal-Federazzjoni bħala clubs għall-isparar fuq plattini;

(f) jiġu eletti żewġ (2) membri minn fost dawk pproponuti u ssekondati mill-clubs għall-isparar fuq targets u sparar ieħor.

**6.2** Membru tal-Federazzjoni li jiġi elett bħala membru fil-Kunsill jagħmel dan b'mod volontaru u ma għandu jsir l-ebda ħlas għax-xogħol li jwettaq fir-rwol tiegħu bħala membru tal-Kunsill.

(a) membru tal-Kunsill ma jistax jiġi impjegat mal-Federazzjoni;

(b) membru tal-Federazzjoni li jingħata impjieg mal-istess Federazzjoni, jew impjegat tal-Federazzjoni li sussegwentament isir membru tal-Federazzjoni, ma jistax jiġi nnominat għall-elezzjoni bħala membru tal-Kunsill;

(ċ) membru tal-Federazzjoni li jkun impjegat *full-time* mal-Federazzjoni, u jiġi elett bħala membru tal-Kunsill, irid jirreżenja mill-impjieg tiegħu mal-Federazzjoni immedjatament.

Għall-fini ta' dan l-artikolu, membru tal-Kunsill jinkludi ukoll il-karigi uffiċjali fi ħdan l-istess Kunsill.

## ARTIKOLU 7 – L-ELEZZJONI TAL-KUNSILL

**7.1** L-ismijiet tal-membri li jkunu proponuti u sekondati għall-elezzjoni għandhom ikunu esposti fin-*notice board* tal-Federazzjoni għal mhux inqas minn ħmistax-il ġurnata qabel il-Laqgħa Ġenerali Annwali.

**7.2** Il-Kunsill jiġi elett għal sentejn. Il-Votazzjoni għall-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill għandha ssir fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Federazzjoni relattiva u l-membri tal-Kunsill preżenti għandhom jirtiraw mill-kariga wara li jkunu temmew ix-xogħol normali tagħhom.

Dawn ir-regoli għandhom jiġu osservati waqt il-votazzjoni:

(a) il-votazzjoni għandha tkun sigrieta;

(b) il-votazzjoni għandha tkun votazzjoni diretta għall-kandidati li ħarġu għall-elezzjoni tal-Kunsill kif spjegat f'dan l-istatut;

(ċ) kull membru/delegat jista' jivvota għal mhux aktar mis-segwenti:

(i) massimu ta' żewġ voti għal kandidati nominati mill-Clubs għall-isparar fuq il-plattini;

(ii) żewġ voti (2) għall-kandidati nominati mill-Clubs għall-isparar fuq targets u sparar ieħor u kolletturi;

(iii) massimu ta' disa' (9) voti għall-kandidati proposti minn membri individwali tal-Federazzjoni. Jekk l-istess membri jew uħud minnhom jikkontestaw pożizzjoni ta' kariga (President, Segretarju, Teżorier, u P.R.O.), għall-kull nomina ta' kariga li ma tiġix kontesta jonqos vot minn dawn id-disa';

(iv) minbarra l-voti indikati fil-paragrafi (i) sa (iii) ta' dan l-artikolu, fil-parti tal-karta tal-vot fejn ikun hemm nomini għal-karigi ta' President, Segretarju, Teżorier u PRO, vot wieħed għal kull kariga proposta.

**7.3** Jiġu eletti dawk l-kandidati li jiksbu l-aktar voti fis-sezzjonijiet rispettivi, u ċioe żewġ kandidati mill-kandidati proposti mill-Clubs għall-isparar fuq il-plattini, żewġ kandidati mill-kandidati nominati minn Clubs reġistrati bħala Clubs għall-isparar fuq targets u sparar ieħor u kolletturi, disa' (9) kandidati mill-kandidati proposti minn membri individwali tal-Federazzjoni. Fl-istess elezzjoni, minn dawn it-tlettax il-persuna eletti, jiġu eletti l-persuni għall-karigi msemmija fil-paragrafu 7.2 sub paragrafu (ċ)(iv) dawk li jottjenu l-aktar voti għall-kariga rispettiva.

7.4 Minkejja l-premess, jekk għal xi raġuni ma jkunx hemm nomini suffiċjenti mill-Clubs tal-isparar fuq plattini u jkun hemm iktar minn żewġ

persuni proposti mill-Clubs għall-isparar fuq targets u sparar ieħor u kolletturi, jiġu eletti membri minn dawk proposti mill-Clubs għall-isparar fuq targets u sparar ieħor u kolletturi u s-sistema ta' votazzjoni u elezzjoni tiġi mibdula relattivament. Dan jgħodd *mutatis mutandis* fl-invers.

7.5 Inoltre, jekk ma jkunx hemm erba' persuni nnominati mill-Clubs imsemmija fil-paragrafu preċedenti, id-defiċjenza timtela mill-persuni proposti mill-membri individwali tal-Federazzjoni u s-sistema ta' votazzjoni u elezzjoni tiġi mibdula relattivament.

## ARTIKOLU 8 – IL-FORMAZZJONI TAL-KUNSILL

(a) Il-Kunsill għandu jikkonsisti minn tlettax (13) il-membru. Il-President, is-Segretarju, t-Teżorier u l-PRO għandhon ikunu dawk il-persuni li jiġu eletti fl-elezzjoni ġenerali. Ebda membru li hu "DEALER", DIRETTUR, IMPJEGAT, jew b'xi mod għandu xi konnessjoni ma negozju tal-isparar ma jista jokkupa kariga ta' uffiċjal fil-kunsill tal-MSSF jew ikun ir-rappreżentant tal-MSSF fuq xi bord jew kumitat iehor Il-karigi l-oħra ta' Viċi President, Assistent Segretarju u kull kariga oħra li l-Kunsill jidhirlu xieraq jinħatru mill-istess Kunsill fl-ewwel seduta tiegħu.

(b) Il-Kunsill huwa responsabbli għall-politika u t-tmexxija tal-Federazzjoni, kif inhu stipulat fir-regoli u l-minuti tas-seduti tal-Kunsill. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu skond il-maġġoranza tal-voti, fejn il-President għandu l-vot deċisiv f'każ ta' bżonn.

(ċ) Meta l-President ikun assenti, l-Viċi President għandu jmexxi s-seduti. Meta t-tnejn ikunu assenti, l-membri għandhom jaħtru president proviżorju minn fost l-membri preżenti.

(d) Biex ikun hemm *quorum* sabiex tkun tista' tibda s-seduta, jrid ikun hemm mill-anqas **żewġ terzi** tal-membri tal-Kunsill. F'każ li tletin minuta wara l-ħin avżat ma jkunx għad hemm il-quorum meħtieġ, is-seduta tal-Kunsill tibda xorta waħda, basta preżenti jkun hemm 50% u wieħed tal-membri tal-Kunsill.

## ARTIKOLU 9 – POSTIJIET VAKANTI JEW RIŻENJI MILL-KUNSILL

(a) Kull uffiċjal jew membru tal-Kunsill li jonqos li jattendi għal tlett seduti konsekuttivi mingħajr raġuni aċċettabbli għall-Kunsill, jiġi meqjus li rriżenja mill-Kunsill.

(b) Postijiet vakanti minn uffiċjali tal-Kunsill għandhom jimtlew b'elezzjoni każwali.

(ċ) Postijiet vakanti minn membri tal-Kunsill għandhom jimtlew mill-kandidat/kandidati li fl-aħħar elezzjoni jkunu ġabu l-akbar numru ta' voti wara l-aħħar kandidat li kien ġie elett bħala membru tal-Kunsill u f'każ li ma jkunx hemm kandidati oħra, l-Kunsill għandu jsejjaħ elezzjoni każwali.

**ARTIKOLU 10 – IT-TMEXXIJA**

(a) Il-Kunsill għandu f'idejh it-tmexxija tal-Federazzjoni skond l-Artikolu sitta.

(b) Il-Kunsill huwa awtorizzat li jwaqqaf sotto-kumitati biex l-attivitajiet tal-Federazzjoni jkunu jimxu aħjar, u li dawn is-sotto kumitati għandhom min-naħa tagħhom, jinformaw lill-Kunsill b'dak kollu li jkun sar, u joqogħdu għad-direttivi tal-istess Kunsill. Iċ-Chairperson ta' kull sotto kumitat għandu jkun membru tal-Kunsill.

(ċ) Il-President u s-Segretarju flimkien għandhom jirrappreżentaw il-Federazzjoni fi proċeduri ġudizzjarji u/jew jorbtu il-Federazzjoni f'xi ftehim li jkun sar li jkun approvat mill-bqija tal-Kunsill.

**ARTIKOLU 11 – SEDUTI TAL-KUNSILL**

Il-Kunsill għandu jiltaqa' kif ġej:

(a) mill-inqas darba fix-xahar b'aġenda;

(b) fuq talba bil-miktub ta' mhux inqas minn tlett membri. Din l-laqgħa għandha ssir mhux aktar tard minn ħmistax il-ġurnata minn meta s-Segretarju jirċievi t-talba;

(ċ) meta jidhirlu l-President tal-Kunsill.

## ARTIKOLU 12 – IL-POTERI TAL-KUNSILL

(a) **President** – Hu d-dover tal-President li jippresjedi fuq is-Seduti tal-Kunsill, Seduti Ġenerali u/jew Straordinarji, u li jikkonferma l-minuti li jirrigwardaw il-Laqgħat tal-Kunsill kif ukoll il-minuti tal-Laqgħat Ġenerali u/jew Straodinarji. Barra minn hekk, il-President hu fid-dmir li jispjega xi punti kif provduti fuq l-aġenda tal-laqgħa u li jispjega u jwieġeb xi mistoqsijiet li jitqajjmu mill-membri preżenti.

(b) Il-President għandu s-setgħa li flimkien mas-Segretarju jew it-Teżorier jiffirma u japprova ħlasijiet dovuti mill-Federazzjoni.

(c) **Viċi President** – Hu fid-dmir li jassumi r-responsabiltajiet u d-dmirijiet tal-President meta dan tal-aħħar ikun assenti.

(ċ) **Segretarju** – Hu d-dover tas-Segretarju li jżomm rekord bil-miktub tas-Seduti tal-Kunsill, tal-Laqgħat Ġenerali u/jew Laqgħat Staordinarji fil-ktieb tal-minuti. Is-Segretarju għandu jservi bħala l-mezz ta' komunikazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni u għandu jżomm kopja tal-korrispondenza kollha, filwaqt li jinforma u jippreżenta din il-korrispondenza fis-Seduti tal-Kunsill. Is-Segretarju hu fid-dmir li jżomm kopja tal-Istatut li jinkludi l-aħħar amendi li jkunu saru.

(d) **Assistent Segretarju –** Dan hu fid-dover li jgħin u jassisti lis-Segretarju biex dan ikun jista' jaqgħdi aħjar id-doveri tiegħu kif ukoll li jagħmel ix-xogħol ta' Segretarju meta dan tal-aħħar ikun nieqes.

(e) **Teżorier** – Dan hu fid-dmir li jiġbor il-miżati tad-dħul, abbondamenti kif ukoll xi multi dovuti minn membri tal-Federazzjoni. It-Teżorier għandu jżomm il-kont bankarju tal-Federazzjoni kif ukoll ktieb li juri kull negozju kif sar mill-Federazzjoni. Dan il-ktieb tal-kontijiet irid ikun eżaminat minn awditur kwalifikat maħtur mill-Kunsill u approvat waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Il-firmatarji jkunu tnejn mit-tlett karigi jiġifieri il-President, is-Segretarju, u t-Teżorier.

(f) **Assistent Teżorier** - Dan hu fid-dover li jgħin u jassisti lit-Teżorier biex dan ikun jista' jaqdi aħjar id-doveri tiegħu kif ukoll li jagħmel ix-xogħol ta' Teżorier meta dan tal-aħħar ikun nieqes.

(g) **Public Relations Officer** - Hu d-dover tal-PRO li jikoordina x-xogħol tal-Federazzjoni mal-Media kif ukoll ir-relazzjonijiet pubbliċi.

## ARTIKOLU 13 – IL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI U BI-ANNWALI

13.1 Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Federazzjoni għandha tiġi msejjħa mhux aktar tard mix-xahar ta' Ġunju u dejjem fil-ġurnata tas-Sibt imma wara li jiġu awditjati l-accounts tas-sena ta' qabel li tgħalaq fil-31 ta' Dicembru sabiex:

(a) il-President jagħmel d-diskors tiegħu;

(b) is-Segretarju jippreżenta r-rapport annwali u jagħti dettalji tal-ħidma amministrattiva għas-sena kalendarja preċedenti;

(ċ) jinqara r-rapport finanzjarju tal-Federazzjoni għas-sena kalendarja preċedenti kif approvat mill-Awditur;

(d) jiġu diskussi l-proposti li jkollhom bżonn l-approvazzjoni tal-Laqgħa Ġenerali u li fuqhom ikun diġa sar avviż;

(e) jiġu kkonsidrati, ikkonfermati u/jew rifjutati dawk il-Bye-Laws u emendi għal Bye-Laws, li jkun għadda il-Kunsill mill-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali.

13.2 Il-Laqgħa Ġenerali Bi-Annwali tal-Federazzjoni għandha tiġi msejjħa fil-ġurnata tas-Sibt mhux iktar tard mix-xahar ta' Ġunju sabiex:

(a) il-membri preżenti għall-Laqgħa Ġenerali jagħżlu tlett (3) membri minn fost dawk preżenti sabiex iservu bħala kummissarji elettorali u jmexxu l-elezzjoni għall-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' dawn il-kummissarji elettorali tkun finali. L-elezzjoni għall-Kunsill tkun b'vot sigriet.

(b) jilqgħu r-riżenja tal-Kunsill;

(ċ) itellgħu Kunsill ġdid;

(d) issir ħatra ta' Awditur ikkwalifikat;

(e) issir ħatra ta' membri fuq il-Bord ta' Dixxiplina.

13.3 Il-votazzjoni ssir immedjatament malli tagħlaq l-Laqgħa Ġenerali u malli jivvota min ikun preżenti l-kummissarji jgħaddu sabiex jipproċedu bl-għadd tal-voti. Il-membri tal-Federazzjoni, clubs u l-kandidati għandhom dritt ikunu preżenti waqt l-għadd tal-voti iżda bl-ebda mod ma għandhom jindaħlu fl-operat tal-kummissarji elettorali li jkollhom responsabbilta' u diskrezzjoni assoluta fuq kull kwistjoni li tista' tinqala f'dan ir-rigward.

## ARTIKOLU 14 – L-AVVIŻ

14.1 Għandha tintbgħat ċirkulari lill-membri kollha tal-Federazzjoni u lill-Clubs affiljati dwar il-Laqgħa Ġenerali Annwali u jiġi wkoll imwaħħal avviż fuq in-*notice board* tal-Federazzjoni mhux anqas minn tletin (30) ġurnata qabel id-data iffissata għal-Laqgħa kif ukoll għandha ssir *Press Release* fil-midja.

14.2 L-avviz għandu jintbagħat mis-segretarju ***bill-posta regolari u/jew posta elettronika*** lill-membri u lill-clubs fl-indirizz (fiżiku u/jew elettroniku) li huma jkunu taw lill-Federazzjoni u muri bħala l-indirizz uffiċjali tagħhom u jitqiesu li ġew debitament mgħarrfa biċ-cirkolari jekk is-Segretarju jikkonferma li ċ-ċirkolari intbgħatet kif premess.

**ARTIKOLU 15 – *QUORUM***

Biex Laqgħa Ġenerali tkun tista' tibda jrid ikun hemm mhux inqas minn wieħed u ħamsin fil-mija (51%) tal-membri u d-delegati tal-Clubs u li jkunu *up to date* fil-ħlas tal-*membership*. F'każ li tletin minuta wara l-ħin avżat ma jkunx għad hemm *quorum,* is-seduta tibda xorta waħda, irrispettivament minn kemm ikun hemm membri preżenti. Kull deċiżjoni li titieħet waqt il-Laqgħa tkun torbot lill-membri u lill-Clubs kollha tal-Federazzjoni daqs li kieku kien jeżisti *quorum* meta l-membri preżenti ivvotaw f'din il-Laqgħa.

**ARTIKOLU 16 – RIŻOLUZZJONIJIET**

Kull reżoluzzjoni jew mozzjoni proposta mill-membri jew Clubs għal-Laqgħa Ġenerali Annwali għandhom jaslu għand is-Segretarju mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Settembru, u għandhom ikunu esposti fin-*notice board* tal-Federazzjoni ġurnata qabel il-Laqgħa.

**ARTIKOLU 17 – IL-VOTAZZJONI**

(a) Kull reżoluzzjoni miġjuba quddiem il-Laqgħa Ġenerali, għandha tkun deċiża b'vot sigriet, jekk ħames (5) membri/delegati jitolbu li jsir dan.

(b) Kull reżoluzzjoni miġjuba quddiem il-Laqgħa Ġenerali Annwali trid tgħaddi b'vot ta' maġġoranza sempliċi.

(ċ) F'kull Laqgħa Ġenerali r-reżoluzzjonijiet kollha għandhom jinqraw eżattament qabel ma' ssir il-votazzjoni fuqhom.

(d) L-ebda regola ġdida jew olterazzjoni jew emenda tar-regoli eżistenti ma tista' ssir jekk ma jkunx hemm maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri u delegati preżenti għal-Laqgħa Ġenerali.

(e) Meta mozzjoni tiġi għall-vot quddiem il-Laqgħa Ġenerali, l-ebda membru jew delegat ta' Club, ħlief il-Kunsill, ma jista' jitlob li ssir Laqgħa Ġenerali Straordinarja fuq din l-istess mozzjoni, jew fuq xi suġġett relatat magħha għall-perjodu ta' sitt xhur.

**ARTIKOLU 18 – IL-VOTAZZJONI FIL-LAQGĦA ĠENERALI**

Huma biss dawk il-membri u Clubs li jkunu aġġornati fil-*membership* u li jkollhom il-membership tas-sena ta' qabel imħallsa sa l-aħħar ta' Awwissu li għandhom id-dritt li jivvutaw fil-Laqgħa Ġenerali.

**ARTIKOLU 19 – LAQGĦA ĠENERALI STRAORDINARJA**

19.1 Il-Kunsill jista’ jsejjaħ Laqgħa Straordinarja tal-Federazzjoni wara li jkun avża u speċifika l-għan. U għalhekk wara li l-għan ikun speċifikat l-ebda materja oħra ma tista’ tiġi diskussa fil-Laqgħa.

19.2 Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-Federazzjoni għandha l-poter sħiħ li xxolji l-Federazzjoni u tibda l-proċeduri u taddotta l-metodu kif l-assi tal-Federazzjoni għandhom jiġu disposti.

19.3 Fuq talba bil-miktub ta’ mhux anqas minn ħmistax fil-mija (15%) tal-membri, li ħadd minnhom ma jrid ikun membru fil-Kunsill tal-Federazzjoni, il-Kunsill għandu jsejjaħ Laqgħa Ġeenrali Straordinarja fi żmien xahar.

**ARTIKOLU 20 – L-AVVIŻ**

20.1 Kull avviż maħruġ mill-Kunsill dwar il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja jrid ikun iffirmat mis-Segretarju u esebit fuq in-*notice board* tal-Federazzjoni mhux inqas minn tletin (30) ġurnata qabel il-Laqgħa. Kull membru jew Club affiljat għandu jiġi infurmat b’ċirkolari tletin (30) ġurnata qabel u għandha ssir *Press Release* fil-Midja.

20.2 L-avviz għandu jintbagħat mis-segretarju bill-posta regolari u/jew posta elettronika lill-membri u lill-clubs fl-indirizz (fiżiku u/jew elettroniku) li huma jkunu taw lill-Federazzjoni u muri bħala l-indirizz tagħhom u jitqiesu li ġew debitament mgħarrfa biċ-ċirkolari jekk is-Segretarju jikkonferma li ċ-ċirkolari intbgħatet kif premess.

**ARTIKOLU 21 – IL-KOSTITUZZJONI**

Biex tibda l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja jrid ikun hemm mhux anqas minn wieħed u ħamsin fil-mija (51%) tal-membri u delegati ta’ Clubs li l-abbonament tagħhom irid ikun *up to date*, u jekk tletin minuta wara il-ħin li suppost tibda l-Laqgħa, n-numru ta’ membri ma jkunx biżżejjed, il-Laqgħa tibda xorta waħda b’dawk il-membri li jkunu preżenti. Kull deċiżjoni li tittieħed f’din il-Laqgħa tkun torbot il-membri kollha tal-Federazzjoni daqs li kieku kien hemm *quorum* sħiħ.

**ARTIKOLU 22 – IL-VOTAZZJONI**

(a) Kull reżoluzzjoni mpoġġija fuq il-mejda għall-Laqgħa Ġenerali Straordinarja, għandha tkun deċiża b’vot sigriet, jekk ħames (5) membri jitolbu li jsir dan.

(b) Kull reżoluzzjoni miġjuba quddiem il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja trid tgħaddi b’vot ta’ maġġoranza sempliċi.

(ċ) F’kull Laqgħa Ġenerali Straordianrja, ir-reżoluzzjonijiet kollha għandhom jinqraw eżattament qabel ma ssir il-votazzjoni fuqhom.

(d) L-ebda regola ġdida jew emendi ta' regoli eżistenti ma jistgħu jsiru jekk ma jkunx hemm maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri u delegati tal-Clubs preżenti fil-Laqgħa Ġenerali.

(e) Meta mozzjoni tiġi għal vot quddiem il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja, l-ebda membru jew delegat ta' Club ma jista' jitlob li ssir Laqgħa Straordinarja fuq l-istess mozzjoni jew fuq xi suġġett li għandu x'jaqsam magħha għall-perjodu ta' tlett xhur, ħlief il-Kunsill innifsu.

(f) Fil-każ li l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tissejjaħ sabiex jiġi elett Kunsill ġdid, jiġu applikati l-provedimenti ta' dan l-Istatut għal-Laqgħa Ġenerali Annwali u l-elezzjonijiet.

## ARTIKOLU 23 – L-IMĠIEBA TAL-MEMBRI

**23.1** Membri u l-Clubs tal-Federazzjoni jridu joqogħdu għal Bye-Laws tal-Federazzjoni kif approvati fil-Laqgħa Ġenerali kif ukoll għal dawk il-Bye-Laws addizjonali li jkunu introdotti mill-Kunsill wara l-aħħar Laqgħa Ġenerali.

Jekk xi Club joġġezzjona għal xi By-Law, dan għandu dritt iressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill jista' jħassar jew jemenda l-Bye-Law partikolari kif jidhirlu xieraq wara li jkun ta' l-opportunita' lill-istess Club li jispjega l-ilment tiegħu.

**23.2** Kull membru jew Club li jikser dawn il-Bye-Laws jista' jiġi mitlub jidher quddiem il-Kunsill sabiex jagħti l-veduti tiegħu fuq in-nuqqasijiet li l-Kunsill jidhirlu li dan ikun wettaq u f'dan il-każ huma lkoll jistgħu jirrisolvu l-problema mingħajr il-ħtieġa ta' ebda proċeduri oħra. F'każ li ma jintlaħaqx ftehim u l-Kunsill jidhirlu li dan huwa opportun, il-Kunsill għandu l-jedd li jirreferi l-każ quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

**23.3** F'każ li l-imġieba ta' xi membru jew club, kemm fil-*premises* tal-Federazzjoni kif ukoll barra, fil-fehma tal-Kunsill tkun ħażina u li tista' b'xi mod tagħmel ħsara lill-interessi tal-Federazzjoni jew ġġib l-isport *in disreput*, jew tmur kontra l-għanijiet tal-Federazzjoni, il-Kunsill għandu s-saħħa li jressaq il-każ quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Kull membru jew Club li jħossu similment aggravat jista' jirraporta lill-Kunsill u jitlob li dan l-ilment jiġi mressaq ukoll quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

**23.4** F'kull każ li membru jew club jiġi akkużat bi ksur ta' xi regolment/i jew imġieba ħażina, l-istess membru jew club għandu d-dritt li jagħżel jekk il-każ jiġix trattat mill-Kunsill, jew mill-Bord tad-Dixxiplina. Ara wkoll artiklu 23.

**23.5** Jekk jinqala l-każ fejn fl-opinjoni tal-Bord ta' Dixxiplina n-nuqqas ma jkunx gravi ħafna sabiex jiġi trattat kif stipulat fil-paragrafu ta' qabel, il-Bord ikun awtorizzat li jwaħħal multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin ewro (€23) u/jew sospensjoni tal-membru jew tal-Club għal perjodu ta' mhux aktar minn tlett xhur. Is-sospensjoni ma taffetwax lill-membru jew Club milli jibqa'

jħallas l-abbonimenti jew li jitlef id-dritt li jista' jitlob lura parti mill-abbonimenti li jkun ħallas.

Membru jew Club sospiż ma jistax jipparteċipa fl-attivitajiet sportivi tal-Federazzjoni.

**23.6** Jekk jinqala każ fejn fl-opinjoni tal-Bord in-nuqqas ikun gravi, jew il-membru jew Club ikkonċernat ikun hedded jew ħebb jew b'xi mod kien vjolenti jew kiser ir-regoli tal-*antidoping* jew ikun ipprovat li bil-ħsieb ħadem kontra l-interessi tal-Federazzjoni jew kontra l-interessi tal-isport *in ġenerali*, il-Bord jista' jieħu passi dixxiplinari kontra dik il-persuna jew Club u jekk jinstab ħati tista' teħel piena minn twiddiba sa tkeċċija mill-Federazzjoni flimkien ma' multa ta' mhux aktar minn mija u ħmistax il-ewro(€115.00).

**23.7** F'kull każ ta' imġieba ħażina ta' membru jew Club, il-Kunsill għandu jsejjaħ lill-membru jew lill-Club ikkonċernat biex jisma' l-veduti tiegħu dwar l-allegazzjonijiet. Wara s-Segretarju għandu jinforma lill-membru jew club jekk il-każ ikunx jitlob Bord ta' Dixxiplina jew le.

**23.8** Jekk xi membru jew club jonqos li jidher quddiem il-Kunsill biex jagħti spjegazzjoni dwar l-akkuża ta' imġieba ħażina u ksur tar-regoli, il-Kunsill jista' jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa daqs li kieku dan il-membru jew Club kien preżenti.

**23.9** L-ebda membru tal-Federazzjoni, club jew membru ta' club ma jista' jipparteċipa f'kompetizzjoni jew avvenimenti ta' sparar fuq plattini jew targets barra minn Malta jekk il-kompetizzjoni jew l-avveniment jew il-parteċipazzjoni tkun sanzjonata mill-Federazzjoni. F'każ ta' ksur il-membru jew Club ikun suġġett għal sanzjonijiet li l-Kunsill jidhirlu li għandu jimponi.

**23.10** F'każ li l-Federazzjoni jew xi Club jew Assoċjazzjoni affiljat tiddixxiplina xi membru għal xi nuqqas ikkunsidrat gravi, il-Federazzjoni, l-Club jew l-Assoċjazzjoni għandhom l-obbligu li jinformaw lil xulxin bid-dettalji kollha tal-każ u d-dixxiplina imposta.

## ARTIKOLU 24 – BORD TA' DIXXIPLINA U APPELL

(a) Għandu jkun hemm Bord ta' Dixxiplina li għandu l-poter li jisma u jiddeċiedi l-każijiet kollha li jiġu sottomessi lilu kif stipulat f'dan l-Istatut.

(b) Il-Bord ta' Dixxiplina jkun kompost minn tlett persuni: Chairman maħtur mill-Kunsill u żewġ membri maħtura minn lista approvata mil-Laqgħa Ġenerali Bi-Annwali. Il-lista ta' membri magħżula tiġi xolta pari passu mal-elezzjoni ġenerali tal-membri tal-Kunsill. Għal dan il-għan, fil-Laqgħa Ġenerali Bi-Annwali jintlaqgħu nominazzjonijiet mill-membri preżenti sabiex jinħatru membri fuq il-Bord ta' Dixxiplina. Jiġu milqugħa n-nominazzjonijiet ta' dawk kollha li jiġu ssekondati. Iż-żewġ membri li jkunu ser iservu bħala membri fuq il-Bord jintagħżlu bil-polza fil-preżenza tal-akkużat. Kemm il-Kunsill kif ukoll l-akkużat iżommu id-dritt li jirrifjutaw għal darbtejn xi membru tal-Bord. Dawk li jservu fuq il-Bord jiġu meħlusa milli jerġgħu iservu sakemm issir rotazzjoni sħiħa.

(ċ) Il-Bord għandu jiddetermina u jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita f'kull każ li jitressaq quddiemu. Matul is-smiegħ tal-każ, il-Bord ta' Dixxiplina għandu dritt li jieħu l-passi xierqa u opportuni sabiex matul il-proċess jinżamm id-dekor u l-buon ordni. Deċiżjonijiet fuq dan l-aspett huma finali u għandhom jiġu obduti minnufih.

(d) Kull membru tal-Bord ta' Dixxiplina għandu vot wieħed. Id-deċiżjoni tittieħed b'maġġoranza u tingħata deċiżjoni waħda li tinqara u tiġi ffirmata miċ-*Chairman*. Ma jistax jiġi żvelat kif ivvotaw il-membri tal-Bord.

(e) Is-Segretarju tal-Kunsill għandu jservi bħala Segretarju tal-Bord ta' Dixxiplina iżda huwa m'għandux vot u ma jista' jieħu l-ebda parti attiva fil-proċess ta' dixxiplina. Kull parti involuta fil-passi dixxiplinari tistgħa titlob li s-Segretarju jassenta ruħħu matul id-deliberazzjoni tal-membri tal-Bord.

(f) Il-Bord ta' Dixxiplina għandu joqgħod mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u b'mod partikolari, li jkun indipendenti u imparzjali, li jagħti opportunita' xierqa lill-partijiet kollha li jressqu l-każ/difiża tagħhom u li jkunu raġonevoli. Huma m'għandhomx ikunu arbitrarji jew b'xi mod preġudikati.

(g) Matul il-proċeduri ta' dixxiplina, il-każ jiġi ppreżentat mill-President tal-Kunsill jew xi persuna oħra nnominata minnu. Kemm il-Kunsill kif ukoll il-membru jew Club akkużat jista' jiġi assistit minn persuna tal-fiduċja tiegħu.

(h) Kull min iħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina jista' jinterponi appell quddiem Bord ta' Appell li jiġi maħtur appożitament mill-Kumitat Olimpiku Malti. Dan il-Bord ta' Appell għandu jkun kompost minn tlett membri. L-Appell għandu jkun bil-miktub u għandu jasal għand is-Segretarju tal-Kunsill fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn dakinhar tad-deċiżjoni. L-appell għandu jikkontjeni r-raġunijiet li fuqu qed jiġi bbażat l-istess appell. Il-proċedura hawn fuq imsemmija fir-rigward tal-Bord ta' Dixxiplina għandha sservi ukoll għall-Bord tal-Appell. Biex isir appell, l-appellant, mal-preżentata tat-talba tal-appell għandu jħallas s-somma ta' mija u ħmistax il-ewro (€115.00) lill-Kunsill, u fis-sentenza tiegħu l-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi jekk din tintilifx kollha jew parti minnha.

## ARTIKOLU 25 – SĦUBIJA TA' CLUBS U ORGANIZAZZJONIJIET SUSSIDJARJI

25.1 Clubs li jorganizzaw attivitajiet ta' sparar fuq plattini u/jew fuq targets u sports ieħor ta' sparar u organizazzjonijiet sussidjarji jistgħu jaffiljaw mal-Federazzjoni wara li dawn ikunu għamlu talba bil-miktub lis-Segretarju, u s-sħubija tagħhom fil-Federazzjoni għanda tkun bl-elezzjoni tal-Kunsill b'dan illi:

(a) għandhom jippreżentaw kopja tal-Istatut, liema Statut għandu jipprovdi li l-Club irid ikun kostitwit u rikonoxxut u qed jaċċetta l-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Federazzjoni bħala l-awtorita' Maltija li tigverna l-isport ta' sparar fuq plattini u/jew fuq targets u sports ieħor ta' sparar. B'mod ġenerali l-Istatut għandu jirrispetta prinċipji sportivi demokratiċi u ta' *fair play* f'kull sens u li jiġu rispettati l-għanijiet tal-Federazzjoni u

dawk Olimpiċi u l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. B'mod partikolari l-Istatut għandu jipprovdi:

- li l-accounts tal-Club jiġu *audited* minn awditur ikkwalifikat;
- li ssir Laqgħa Ġenerali ta' kull sena;
- li l-membri kollha tal-Club ikollhom dritt jattendu u jipparteċipaw fil-Laqgħa Ġenerali u fit-tmexxija tal-Club b'mod demokratiku;
- li toqgħod għar-regoli tal-*antidoping* tal-Federazzjoni lokali u tal-għaqdiet internazzjonali li magħhom hija msieħba l-Federazzjoni.

(b) għandhom jippreżentaw l-*audited accounts* tal-aħħar sena u dawn iridu jintbagħtu lil-Federazzjoni kull sena mill-inqas ġimgħa qabel il-Laqgħa Ġenerali ta' dan il-club;

(ċ) għandhom javżaw lil-Federazzjoni b'kull Laqgħa Ġenerali (kemm Straordinarja kif ukoll Annwali) fejn il-Federazzjoni jkollha d-dritt li tibgħat rappreżentant tagħha bħala osservatur;

(d) mal-applikazzjoni għas-sħubija, għandha titħallas miżata ta' sħubija ta' mitt ewro (€100) u abboniment annwali ta' mitt ewro(€100) li jiġġedded fl-1 ta' Jannar ta' kull sena.

25.2 Il-Kunsill għandu diskrezzjoni jekk jaċċettax sħubija ta' Club, billi fl-ewwel lok il-Kunsill għandu jaċċerta ruħħu li l-Istatut u tmexxija tal-Club jirriflettu dak stipulat aktar 'l fuq f'paragrafu (a) u jirrispetta l-prinċipji sportivi demokratiċi u ta' *fair play* f'kull sens u li jiġu rispettati l-għanijiet tal-Federazzjoni u dawk Olimpiċi.

25.3 Il-Club affiljat ikollu d-dritt li jinnomina żewġ delegati biex jattendu għal-Laqgħa Ġenerali Annwali u għal-Laqgħat Ġenerali Straordinarji tal-Federazzjoni, u kull wieħed minn dawn id-delegati jkollu dritt għal vot.

25.4 Jekk ma titħallasx l-miżata annwali u din tibqa hekk mhux imħallsa sal-aħħar ta' Jannar tas-sena partikolari, l-Kunsill għandu dritt li jittermina s-sħubija tal-Club. Id-delegati tal-Club li tiegħu ma tkunx tħallset il-miżata ma jkunux jistgħu jivvotaw fil-Laqgħat Ġenerali tal-Federazzjoni.

25.5 Minkejja l-premess, Clubs tal-isparar li jkunu kummerċjali jistgħu ukoll isiru membri tal-Federazzjoni u l-premess japplika għalihom sa fejn dan jista' jiġi applikat. Huma jkollhom biss status ta' osservatur waqt il-Laqgħat Ġenerali u ma jkollhomx dritt għal vot u l-ebda membru diriġenti tal-Club ma jista' jiġi nnominat jew elett fuq l-Kunsill.

**ARTIKOLU 26 – IS-SĦUBIJA**

Il-Kunsill għandu s-saħħa li jdaħħal lill-Federazzjoni f'xi Għaqdiet Sportivi Nazzjonali u Internazzjonali. Din is-sħubija tista' tiġi annullata mil-Laqgħa Ġenerali fuq vot ta' maġġoranza ta' żewġ terzi biss.

**ARTIKOLU 27 – ANTI-DOPING**

27.1 "Bħala kundizzjoni tas-sħubija (membership) fl-ISSF (International Shooting Sport Federation), il-Federazzjoni, il-membri tagħha, l-atleti u impjegati (personnel), qed jaqblu li jintrabtu, mingħajr eccezzjoni, bir-Regoli. tal- ISSF li jirregolaw l-Anti-Doping (ISSF Anti-Doping Rules).

27.2 Il-Federazzjoni qed taqbel li tirrispetta u tgħamel dak kollu meħtieg, kif jidher f'artiklu 17 tal- ISSF li jirregolaw l-Anti-Doping (ISSF Anti-Doping Rules), skont emendi li jsiru minn zmien għal zmien, mill-aħjar li tista".

**ARTIKOLU 28 – INTERPRETAZZJONI**

Kull ħaġa li dwarha ma jkun hemm xejn fl-istatut. Kif ukoll l-interpretazzjoni tagħha, tiġi mniżżla u interpretata mill-Kunsill. Din tista' tiġi mħassra biss b'vot ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Laqgħa Ġenerali fuq mozzjoni "ad hoc".

**ARTIKOLU 29 - Xoljiment**

29.1 Fil-kaz li l-Federazzjoni, tgħaddi riżoluzzjoni/mozzjoni, f'Laqgħa Ġenerali, b'maggoranza ta' ħamsa u sibgħin fil-mija (75%) tal-*membri kollha preżenti,* li jkunu *reġistrati* u li *jkollhom id-dritt tal-vot,* biex tgħaddi riżoluzzjoni bl-intenzjoni li tiġi xolta l-Federazzjoni, il-Kunsill Esekuttiv, għandu jieħu dawk il-passi kollha neċessarji, biex jitħallas kwalunkwe dejn, u jiddisponi mill-assi u propjeta li jkun baqa, kif determinat mil-Laqgħa Ġenerali u hekk il-Federazzjoni tiġi xolta, għal finijiet kollha tal-liġi.

29.2 Fil-kas ta' xoljiment tal-Federazzjoni, il-fondi u propjeta li jibqa, jiġu mgħotija bħala donazzjoni lil xi għaqda volontarja (NGO) jew istitut/għaqda ta' karita li tkun mgħażula mill-Kumitat Eżekuttiv

Statut tal-Federazzjoni Maltija tal-Isparar kif aġġornat fil-Laqgħa Straodinarja Generali fis-29 ta' Ottubru 2022.



Angelo Galea
Segretarju Generali